

P6_TA(2009)0137

Ħames Forum Dinji dwar l-Ilma, Istanbul, 16-22 ta' Marzu 2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar l-ilma fid-dawl tal-Ħames Forum Dinji dwar l-Ilma f'Istanbul mis-16 sat-22 ta' Marzu 2009

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Ministerjali tal-ewwel erba' 'Fora Dinjija dwar l-Ilma' f'Marrakech (1997), fl-Aya (2000), fi Kyoto (2003) u fil-Messiku (2006),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ta' Dublin dwar l-ilma fil-perspettiva ta' żvilupp dejjiemi (1992) li tirrakkomanda l-adozzjoni ta' ġestjoni integrata tal-ilma li tirrikonoxxi l-valur tal-ilma f'kull użu tiegħu, u li tintroduċi l-prinċipju tat-tariffi tal-ilma,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni A/RES/58/217 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li tiddikjara l-perjodu 2005-2015 "Perjodu ta' Għaxar Snin ta' Azzjoni dwar l-Ilma" u tiddikjara t-22 ta' Marzu ta' kull sena "Il-Jum Dinji tal-Ilma",
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Konferenza Internazzjonali dwar l-Ilma Ħelu f'Bonn (2001), li tenfasizza l-bżonn urġenti li jiġu stimulati finanzjamenti ġodda mill-kategoriji kollha ta' investituri possibbli, kif ukoll il-bżonn li jissaħħaħ il-finanzjament pubbliku tal-ilma permezz ta' kapital privat, filwaqt li jiġu inkoraġġuti azzjonijiet fil-livell lokali,
- wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Monterrey (2002) li introduċiet il-kunċett ta' Sħubija Dinjija għall-Ilma li tkun tikkostitwixxi djalogu bejn partijiet ugwali, pluridimensjonali u estiż għall-intrapriżi, għall-istituzzjonijiet finanzjarji u għas-soċjetà ċivili, u din l-inizjattiva reġgħet issemmiet fis-sħubija ġdida għall-Iżvilupp tal-Afrika (Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp tal-Afrika, NEPAD) u mill-G8 f'Ġenova fl-2001, kif ukoll fil-forum għas-Sħubija mal-Afrika fl-2003,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa, adottata f'Helsinki fl-1992, u li daħlet fis-seħħ fl-1996, li ttiprovdi qafas legali ta' koperazzjoni reġjonali dwar il-ħarsien u l-użu tar-rotot tal-ilma transkonfinali u tax-xmajjar internazzjonali,
- wara li kkunsidra l-Laqgħa Għolja Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Millennju (New York, 6-8 ta' Settembru 2000) li fasslet l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs), li stipulaw it-tnaqqis bin-nofs, sal-2015, tal-proporzjon tal-popolazzjoni li m'għandhiex aċċess sostenibbli għal ilma tax-xorb sikur,
- wara li kkunsidra l-Karta ta' Zaragoza tal-2008 bit-titolu "Viżjoni ġdida komprensiva tal-Ilma" u r-rakkomondazzjonijiet tat-Tribunal tal-Ilma adottati fl-14 ta' Settembru 2008, il-jum tal-egħluq tal-Eżibizzjoni Internazzjonali ta' Zaragoza, u li ntbagħtet lis-Segretarju Ġenerali tan-NU,

- wara li kkunsidra t-Tieni Rapport Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-governanza tar-riżors tal-ilma: "L-ilma: responsabilità maqsuma", ippubblikat fl-2006,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2004 dwar l-Istrateġija tas-Suq Intern - Prijoritajiet 2003 - 2006¹, li fil-paragrafu 5 tgħid li, "billi l-ilma huwa ġid komuni tal-umanità u l-ġestjoni tar-riżors tal-ilma m'għandhiex tkun suġġetta għar-regoli tas-suq intern",
 - wara li kkunsidra r-"Rapport tal-2006 dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem" tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) fuq "L-ilma bejn is-setgħa u l-faqar " li fih intwera li huwa l-faqar, u mhux l-iskarsezza fiżika tal-ilma, li huwa l-kawża tan-nuqqas ta' aċċess għall-ilma għal aktar minn biljun ruħ,
 - wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 dwar l-entitajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp²,
 - wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar ir-Raba' Forum Dinji dwar l-Ilma fil-Messiku mis-16 sat-22 ta' Marzu 2006³,
 - wara li kkunsidra l-inizjattivi sinifikanti tas-soċjetà ċivili Ewropea dwar l-ilma u d-dritt tal-aċċess għall-ilma tax-xorb għal kulħadd li saru fil-Parlament Ewropew, b'mod partikulari "L-Assemblea Dinjija tad-Deputati u taċ-Ċittadini għall-Ilma (ADDĊI, 18-20 ta' Marzu 2007) " u " Peace with Water - Nagħmlu Paċi bl-Ilma " (12-13 ta' Frar 2009) kif ukoll il-" Memorandum għal Protokoll Dinji dwar l-Ilma " li kien ġie diskuss,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija orali B6-0113/2009 indirizzata lill-Kummissjoni dwar il-Fames Forum Dinji dwar l-Ilma f'Istanbul, mis-16 sat-22 ta' Marzu 2009,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-nuqqas ta' ilma u ta' dekontaminazzjoni jikkawżaw 8 miljun mewta fis-sena, billi iktar minn biljun persuna m'għandhiex aċċess komdu u bi prezz aċċettabbli għall-ilma tax-xorb, u billi madwar 2.5 biljun persuna m'għandhom l-ebda mezz ta' dekontaminazzjoni,
 - B. billi hemm 2.8 biljun persuna jgħixu f'postijiet affettwati mill-istress idriku u li dan l-ammont se jiżdied għal 3.9 biljun sal-2030,
 - C. billi l-popolazzjonijiet foqra huma l-iktar vulnerabbli għall-bidla fil-klima u huma wkoll l-inqas kapaċi li jadattaw ruħhom għaliha,
 - D. billi l-industrija multinazzjonali tal-kummerċ agrikolu (agrobusiness) tirrappreżenta l-utent ewlieni tal-ilma ħelu fid-dinja (70% tat-teħid tal-ilma dinji) li hija tirċievi bi prezz redikolu, u billi l-esplojtazzjoni żejda tar-riżors tal-ilma wasslet għall-aggravazzjoni u għall-estensjoni tal-proċessi ta' kontaminazzjoni tal-ilmijiet u ta' degradazzjoni ġeneralizzata tal-ħamrija, minn fejn tirriżulta l-multiplikazzjoni tal-fenomeni tan-nixfa li kulma jmur issir aktar u aktar strutturali,

¹ ĠU C 102E, 28.4.2004, p. 857.

² ĠU C 301 E, 13.12.2007, p.249.

³ ĠU C 291 E, 30.11.2006, p.294.

- E. billi s-servizzi marbuta mal-użu tal-ilma u għestjoni razzjonali għandhom jiddeterminaw livell ta' prezz li jevita użu żejjed minn ċerti setturi u jippermetti li jsiru investimenti fiż-żamma u fit-titjib tal-infrastrutturi, flimkien ma' miżuri ta' appoġġ biex tiġi garantita distribuzzjoni ekwa tal-ilma u appoġġ mill-gvern sabiex familji foqra jkunu jistgħu jħallu għall-bżonnijiet bażiċi ta' ilma tagħhom,
 - F. billi s-sussidji globali għall-ilma, li jirriżultaw fi prezzijiet tal-ilma artifiċjalment baxxi, iwasslu għal użu żejjed tal-ilma minn ċerti setturi u huma waħda mir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas tal-ilma,
 - G. billi d-distribuzzjoni tal-ilma mhijiex ekwa, filwaqt li għandha tkun tikkostitwixxi dritt fundamentali u universali, peress li l-livell lokali huwa l-iktar wieħed rilevanti sabiex din tiġi definita u għestita,
 - H. billi l-liberalizzazzjoni u d-deregolamentazzjoni tad-distribuzzjoni tal-ilma fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikolari fl-Inqas Pajjiżi Żviluppanti (LDCs), mingħajr qafas regolatorju adatt, jistgħu jirriżultaw f'żieda fil-prezzijiet li toqot lill-ifqar persuni u tnaqqas l-aċċess tagħhom għall-ilma,
 - I. billi s-sħubiji pubbliċi-privati, li għandhom jgħaqqdu regolamenti rigorużi u trasparenti, proprjetà pubblika u investiment privat, għandhom jiġu orjentati lejn it-titjib tal-aċċess għall-ilma u s-sistema sanitarja għal kulħadd, kif ukoll għal użu iktar effikaċi fil-livell tal-ispiża,
 - J. billi l-ostakoli ewlenin għal għestjoni effikaċi tal-ilma huma : il-prijorità politika u finanzjarja dgħajfa mogħtija lill-ilma, il-għestjoni ħażina, l-inadegwatezza tal-qafas legali, in-nuqqas ta' trasparenza fin-negożjati u fl-għoti tal-kuntratti, il-korruzzjoni u n-nuqqas ta' diskussjonijiet fir-rigward tat-tariffi,
 - K. billi skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), il-parti ta' għajuna pubblika għall-iżvilupp (ODA) dedikata għall-ilma u għad-dekontaminazzjoni tirrappreżenta biss 9% tal-ODA bilaterali u 4.5% tal-ODA multilaterali, u li hija mqassma ħażin, peress li l- LDCs irċevew biss 24% tal-fondi, filwaqt li huma l-iżjed li għandhom bżonn dawn il-fondi,
 - L. billi l-"Forum Dinji dwar l-Ilma", li jiltaqa' kull tliet snin, huwa post ta' diskussjoni u ta' orjentazzjoni ta' deċiżjonijiet politiċi dinjija fil-qasam tal-għestjoni tal-ilma u tar-riżorsi tal-ilma, filwaqt li jesprimi d-dispjaċir tiegħu li s'issa l-attivitajiet tal-Forum Dinji dwar l-Ilma ftit li xejn ġew integrati fil-ħidmiet tan-Nazzjonijiet Uniti,
1. Jiddikjara li l-ilma huwa beni komuni tal-umanità u li għandu jkun jikkostitwixxi dritt fundamentali u universali; jitlob li jitwettqu l-isforzi kollha neċessarji sabiex jiġi garantit aċċess għall-ilma tax-xorb lill-iktar popolazzjonijiet vulnerabbli sal-2015;
 2. Jiddikjara li l-ilma huwa meqjus bħala beni pubbliku u għandu jitqiegħed taħt kontroll pubbliku, irrispettivament minn jekk huwiex għestit parzjalment jew totalment mis-settur privat;
 3. Jenfasizza li kull politika ta' għestjoni għandha tintegra wkoll il-ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-ambjent u li l-Forum Dinji tal-Ilma għandu jikkontribwixxi b'mod demokratiku, parteċipattiv u konsenswali, fl-iżvilupp ta' strateġiji li jħeġġu mezz ta' żvilupp ekonomiku

u agrikolu li jiggarrantixxi livell għoli ta' kwalità tal-ilma;

4. Jitlob għall-abandun tal-iskemi ta' sussidji globali għad-distribuzzjoni tal-ilma, li jnaqqsu l-effikaċja tal-inċentivi għal ġestjoni effiċjenti tal-ilma peress li joħolqu użu eċċessiv, sabiex b'hekk jinħelsu fondi maħsuba għal sussidji mmirati, partikolarment għall-popolazzjonijiet foqra u rurali, bil-għan li jkun hemm aċċess għall-ilma għal kulħadd;
5. Jenfasizza l-interess ta' ħolqien ta' entitajiet ta' ġestjoni komuni tal-ilma bejn pajjiżi li jmissu mal-ilma tal-istess baċin, sabiex jinħolqu jew jissaħħu solidarjetajiet li jistgħu jwasslu biex il-kunflitti jittaffew jew jiġu solvuti;
6. Ifakkar l-irwol essenzjali tan-nisa fil-provvista, fil-ġestjoni u fil-preservazzjoni tal-ilma;
7. Jitlob lill-Istati Membri biex, minkejja l-kriżi finanzjarja, iżidu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ODA sabiex jintlaħaq l-Għan tal-Millennju għall-Iżvilupp fir-rigward tal-provvista tal-ilma tax-xorb, li l-bżonnijiet ta' investment għalih jammontaw għal USD180 000 000 000 fis-sena;
8. Jitlob li l-mezzi tal-"Fond Ewropew għall-Ilma" favur pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) jissaħħu fil-kuntest tal-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp u li jiġi żviluppanti mezzi ġodda ta' finanzjament, inkluż dak privat u ta' sħubiji innovattivi, partikolarment il-finanzjament solidari;
9. Jixtieq li l-ODA bilaterali jappoġġja ċerti azzjonijiet multilaterali bħall-Inizjattiva Afrikana għall-Ilma;
10. Iqis li l-ODA għandha tintuża flimkien mar-riżorsi tal-entitajiet lokali, mad-donazzjonijiet volontarji, mas-self bankarju u mal-kapital privat sabiex jiġi żgurati li s-settur tal-ilma jirċievi finanzjament komplut kemm jista' jkun;
11. Jinsisti dwar il-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' garanzija li jistgħu jitwaqqfu mill-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' żvilupp biex jibbilanċjaw ir-riskji tal-investituri fis-suq tal-ilma;
12. Jafferma illi l-Istat, fil-missjonijiet tiegħu ta' definizzjoni tal-politiki u tal-mezzi neċessarji, ta' għażla tas-sħab u ta' tqassim tar-responsabilitajiet, filwaqt li jiddelega l-eżekuzzjoni lill-entitajiet lokali, għandu jibqa' protagonista prinċipali tal-politika tal-ilma;
13. Jinsisti sabiex il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma tkun ibbażata fuq approċċ deċentralizzat, parteċipattiv u integrat li jgħaqqad lill-utenti u lill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet mad-definizzjoni tal-politiki tal-ilma fil-livell lokali;
14. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa programmi ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-ilma, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi sħab;
15. Jinsisti dwar il-bżonn li jiġu appoġġjati l-awtoritajiet pubbliċi fl-isforzi tagħhom sabiex jimplementaw ġestjoni demokratika tal-ilma li tkun effikaċi, trasparenti, regolamentata u li tirrispetta l-għanijiet għall-iżvilupp sostenibbli sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal-popolazzjonijiet;
16. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jirrikonossu l-irwol fundamentali tal-awtoritajiet lokali fil-ħarsien u l-ġestjoni tal-ilma, sabiex, kullimkien, isiru responsabbli

għall-ġestjoni tas-settur tal-ilma, u jiddispijaċi li l-kompetenzi tal-entitajiet lokali tal-Unjoni mhumiex wisq valorizzati mill-programmi ta' kofinanzjament Ewropej;

17. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet lokali tal-UE biex jikkonsakraw parti mill-ħlasijiet irċevuti mill-utenti għall-provvista tas-servizzi tal-ilma u tad-dekontaminazzjoni tal-ilma favur azzjonijiet ta' koperazzjonijiet deċentralizzati;
18. Jitlob, fil-kuntest tal-proprjetà pubblika u fil-qafas regolatorju adegwat, biex jiġu permessi iżjed sforzi sabiex is-settur privat jiġi impenjat fid-distribuzzjoni tal-ilma, biex jittieħed benefiċċju mill-kapital tiegħu, mill-għarfien u mit-teknoloġija, bil-għan li jittejjeb l-aċċess għall-ilma u għall-istallazzjonijiet sanitarji; għal kulħadd u jittejjeb il-għarfien tal-aċċess għall-ilma bħala dritt fundamentali;
19. Iqis li l-kompitu tal-Istati huwa li jintegraw il-fornituri privati ta' daqs żgħir fl-istrategġiji nazzjonali tagħhom ta' provvista tal-ilma;
20. Huwa tal-fehma li s-sistemi ta' sħubija pubblika-privata, li fihom l-awtoritajiet pubbliċi għadhom proprjetarji tal-infrastrutturi u jikkonkludu kuntratt ta' ġestjoni mas-settur privat, jistgħu jkunu wieħed mill-mezzi għat-titjib tal-aċċess bi prezz aċċettabbli għall-ilma u għas-sistema sanitarja;
21. Jinsisti dwar il-promozzjoni ta' approċċi ġodda bħat-tisqija taż-żoni rurali u l-ħolqien ta' ċinturini ħodor madwar il-bliet, sabiex jissaħħu s-sikurezza tal-ikel u l-awtonomija lokali;
22. Iqis li l-irwol ta' intermedjarju tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-post mal-popolazzjonijiet huwa element kumplimentari insostitwibbli biex jiġi garantit suċċess tal-proġetti fil-pajjiżi foqra;
23. Jixtieq li jkun hemm sistema ta' tqassim ekwu tat-tariffi li tippermetti l-provvista ta' ilma bi prezz aċċettabbli lill-iktar persuna żvantaġġjati;
24. Jinsab konvint li l-ekonomizzar lokali għandu jintuża wkoll, u dan jeħtieġ l-eliminazzjoni min-naħa tal-gvernijiet ta' kull ostakolu ta' natura legali, fiskali jew amministrattiva li jxekkel l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji lokali;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw politika ta' għajnuna għall-ġestjoni tal-ilma, ibbażata fuq il-prinċipju tal-aċċess universali, ekwu u mhux diskriminatorju għal ilma sikur għas-saħħa;
26. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw u jappoġġjaw l-isforzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qasam tal-adattament u tat-tnaqqis tal-effetti tal-bidla fil-klima; ifakkar f'dan ir-rigward l-importanza li titwaqqaf malajr Alleanza Globali kontra l-Bidla fil-Klima;
27. Jitlob li l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-ilma, tar-riżorsi tal-ilma kif ukoll tad-dritt tal-aċċess għall-ilma għal kulħadd tkun inkluża fl-aġenda tal-ftehimiet li se jkunu definiti fil-Konferenza tal-Partijiet 15 (COP 15) f'Kopenhagen (7-18 ta' Diċembru 2009) dwar il-ġejjieni tal-Protokoll ta' Kyoto, fid-dawl ukoll tal-ħidma tal-Panel ta' Esperti Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (PIBK);

28. Jenfasizza l-importanza li jitqiesu l-bżonnijiet tal-foqra fit-tfassil tal-politiki ta' provvista u ta' ġestjoni tal-ilma, immirati partikolarment lejn l-iktar popolazzjonijiet vulnerabbli għall-bidla fil-klima;
29. Jitlob lill-Presidenza inkarigata mir-rappreżentanza tal-UE fil-Forum ta' Istanbul, bil-mandat illi:
 - jitqies l-aċċess għall-ilma tax-xorb bħala dritt fundamentali għall-għixien tal-persuni u mhux biss bħala beni ekonomiku ta' merkanzija soġġett biss għar-regoli tas-suq;
 - jiġu difiżi l-orjentamenti espressi f'din ir-risoluzzjoni;
30. Jixtieq li jinbdew negozjati fil-kuntest tan-NU sabiex jintlaħaq ftehim dwar Trattat internazzjonali li jirrikonoxxi dan id-dritt għall-ilma tax-xorb; jistieden lill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll lill-Presidenza tal-Unjoni, biex jieħdu inizjattivi politiċi u diplomatiċi f'dan is-sens, fi ħdan l-Assemblea Ġenerali kif ukoll fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti;
31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-Ministri ACP-UE, lis-Segretarjat Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarjat Ġenerali tal-komitati internazzjonali għall-Kuntratt Dinji tal-Ilma.